MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 78/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**

**Vs**
**Christopher Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 23 ta' Mejju, 2002 u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-Ligi w fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.
Illi b'sentenza ohra ta' l-istess Qorti tat-8 ta' Marzu, 2007, hu gie kkundannat ihallas multa talli naqas li jottempora

ruhu ma’ l-ewwel sentenza ghal perjodu li jibda mill-24 ta’ Lulju, 2002 sal-25 ta’ Marzu 2004, salv kull penali ulterjuri ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 76 tal-Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ €10,482.18 (ghaxart elef, erba’ mija w tnejn u tmenin Euro u tmintax il-centezmu) multa rapprezentattiva l-perjodu ta’ bejn is-26 ta’ Marzu, 2004 sa l-14 t’April, 2006.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih, u tilliberah minn kull kundanna w piena nflitta in konnessjoni ma’ dawn l-akkuzi, w dana filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Semghet ix-xhieda ta’ Paul Scicluna in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud fl-udjenza tal-lum.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda jirrizulta illi l-ammont ta’ multa originali ta’ tlett elef sitt mija w sittin lira Maltin (LM3660) li l-appellant kien wehel b’sentenza tat-8 ta’ Marzu, 2007 ghal nuqqas ta’ ottemperanza mal-ligi ghall-perjodu bejn l-24 ta’ Lulju, 2002 sal-25 ta’ Marzu, 2004 kienet giet ridotta ghall-ammont ta’ tlett mija w sitta w sittin lira (LM366) wara mahfra presidenzjali li fil-fatt giet attwata. Ghalhekk l-ammont li jidher fl-ircevuta esebita mar-rikors tal-appell proprju jirriferi ghal din l-ircevuta tal-hlas tal-penali kif

ridotta. Ghall-perjodu pero’ mis-26 ta’ Marzu, 2004 sal-14 t’April, 2006 jidher li baqghet tigi nkorsa l-istess penali w ma jirrizultax lanqas li hemm xi mahfra fir-rigward tal-perjodu in kwistjoni w konsegwentement l-ammont ta’ ghaxart elef Euro erba’ mija w tnejn u tmenin u tmintax il-centezmu (€10, 482.18) ma jidhirx illi jista’ jkun hemm xi kontestazzjoni fuqu w ghalhekk jidher li huwa legalment dovut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------